**1 ta' Marzu, 1984**

**Imħallef:-**

**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Victor Borg

## Xhud Indispensabbli

*F'din is-sentenza l-Qorti osservat li jekk xhieda tal-prosekuzzjoni, għalkemm inġunti, ma jidhrux u dana bla ebda raġuni apparentement valida, l-Ewwel Qorti għandha tiddifferixxi u tagħti l-provvedimenti opportuni fil-konfront ta' dawn ix-xhieda u mhux tgħaddi biex tiddeċidi l-kawża.*

Il-Qorti:-

Rat l-akkuża fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana talli fl-24 ta' Jannar, 1983 u f'dawn l-aħħar tnax-il xahar instab li kellu fil-pussess tiegħu J.V.C. *Video Recorder* ser. no. 17692476 li jiswa mitejn u ħamsin lira (Lm250) u li d-dazju ta' l-importazzjoni li jammonta għal tliet mitt lira (Lm300) kien għadu ma ġiex imħallas jew ikkawtelat, bi ksur ta' l-artikolu 60 (a), (b), (c) u l-artikolu 61 (a), (b), (c), (f), (g), (h), (l), (k) ta' l-Ordinanza tad-Dwana, Kap. 60 ta' l-Edizzjoni Riveduta;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja tal-Gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna tas-7 ta' Settembru, 1983 li biha wara li kkunsidrat illi ma ġewx prodotti provi u għalhekk l-akkuża ma rriżultatx, ma sabitx lill-imputat ħati u lliberatu;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-Avukat Ġenerali li permezz tiegħu talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata u wara li tisma' l-provi ssib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet kontra tiegħu u tinfliġġi l-piena preskritta mil-liġi;

Rat l-atti kollha rilevanti u opportuni;

Semgħet il-provi;

Ittrattat l-appell;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant fi kliemu stess hu kif ġej:

"Il-kawża kontra l-imputat ġiet appuntata għas-smigħ quddiem l-Ewwel Qorti fis-7 ta' Settembru, 1983 u l-prosekuzzjoni ħadet ħsieb tinġunġi lix-xhieda kollha tagħha biex jixhdu fl-istess data. Fid-data msemmija rriżulta li xi uħud mix-xhieda tal-prosekuzzjoni kienu msifrin u l-prosekuzzjoni nfurmat b'dan lill-Qorti u talbet differiment. Ix-xhieda l-oħra ma dehrux u l-Qorti, wara li ċaħdet it-talba tal-prosekuzzjoni għal differiment, iddeċidiet il-kawża billi lliberat lill-imputat peress li ma ġewx prodotti provi u peress li l-imputazzjoni ma rriżultatx;

L-imputazzjoni kontra l-imputat ma tista' qatt tirriżulta jekk il-prosekuzzjoni ma titħalliex tipproduċi l-provi tagħha bħal ma ġara f'dan il-każ. Il-prosekuzzjoni użat il-mezzi li tagħtihom il-liġi billi ħarġet it-taħrikiet neċessarji sabiex tassigura l-preżenza tax-xhieda tagħha fid-data tas-smigħ tal-kawża, iżda f'dik id-data rriżulta li xi xhieda kienu msiefrin filwaqt li l-oħrajn, għalkemm innotifikati, baqgħu ma dehrux. Il-fatt li l-mezzi li tagħtiha l-liġi rriżultaw insuffiċjenti fil-każ in kwistjoni, ċertament mhu imputabbli b'ebda mod għall-prosekuzzjoni. Kien jispetta lill-Ewwel Qorti li tassigura l-effikaċja tal-mezzi pprovduti mil-liġi billi tilqa' t-talba tal-prosekuzzjoni għal differiment in vista tax-xhieda li rriżultaw imsiefra u occorrendo billi tieħu l-provvedimenti opportuni fil-konfront tax-xhieda li għalkemm innotifikati, baqgħu ma dehrux";

Ikkunsidrat:

Illi, wara li rat dak li kienet iddeċidiet fis-sentenza tagħha in re **Il-Pulizija *vs* Mario Saliba**, fil-15 ta' Ottubru, 1982, din il-Qorti hi tal-fehma li l-appell ta' l-Avukat Ġenerali għandu jiġi akkolt;

Infatti, jista' jingħad li jekk il-prosekuzzjoni seta' kellha tort jekk ċerti xhieda tagħha kienu msifrin u ma avżatx fil-ħin lill-Qorti, jibqa' l-fatt li kien hemm xhieda oħra li kienu nġunti u ma dehrux bla ebda raġuni apparentement valida. L-Ewwel Onorabbli Qorti għalhekk kellha se mai tiddifferixxi u tagħti l-provvedimenti opportuni fil-konfront ta' dawn ix-xhieda u mhux tgħaddi biex tiddeċidi l-kawża";

F'dan is-sens ukoll hija inaċċettabbli l-eċċezzjoni ta' l-appellat li l-Avukat Ġenerali ma kellux dritt jappella għax hu ovvju li l-prosekuzzjoni ġiet impeduta ttella' dawk ix-xhieda li issa jirriżulta ampjament ċar li kienu indispensabbli biex tissaħħaħ l-akkuża;

Għal dawn il-motivi tiddisponi mill-appell interpost billi tilqa' l-istess u konsegwentement tirrevoka s-sentenza appellata iżda biex ma ċċaħdux lill-imputat mill-benefiċċju tad-doppju eżami, tirrinvija l-atti lill-Ewwel Onorabbli Qorti għall-kontinwazzjoni.